MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 637/2014

**GO p.l.c.**

**vs.**

**Sarah Hutchinson K.I. 128586(M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fid-9 ta' Settembru 2014, illi permezz tiegħu is-soċjeta' attriċi talbet mingħand il-konvenuta il-ħlas tas-somma ta' seba' mija u ħamsa u ħamsin Ewro u sbatax-il ċenteżmu (€755.17) in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Duo Pack (*A/C 40206059)* mogħti mis-soċjeta' lill-konvenuta.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta’ seba’ mija u ħamsa u ħamsin Ewro u sbatax-il ċenteżmu (€755.17), bl-imgħax legali dekorribbli mit-2 ta’ Mejju 2014, li hija d-data tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi numerata 776/14, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali ċċitata, huma a kariku tal-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------